

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1782/2003 li jstabbilixxi regoli komuni għal skemi diretti ta' appoġġ fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jstabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għall-bdiewa, fir-rigward ta' l-iskema ta' appoġġ dwar il-qoton

COM(2007) 701 finali — 2007/0242 (CNS)

(2008/C 162/17)

Nhar l-4 ta' Diċembru 2007, il-Kunsill iddeċieda, b'konformità ma' l-Artikolu 37 tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, li jikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1782/2003 li jstabbilixxi regoli komuni għal skemi diretti ta' appoġġ fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jstabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għall-bdiewa, fir-rigward ta' l-iskema ta' appoġġ dwar il-qoton

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għall-Agrikoltura, l-Iżvilupp Rurali u l-Ambjent, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha nhar it-22 ta' Jannar 2008. Ir-rapporteur kien is-Sur Narro Sánchez.

Matul l-442 sessjoni plenarja tiegħu li nżammet fit-13 u l-14 ta' Frar 2008 (seduta ta' l-14 ta' Frar), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-opinjoni b'141 vot favur, 33 vot kontra u 13-il astensjoni.

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1 L-iskema l-ġdida tal-qoton ser tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2008. Hemm bżonn li l-Kunsill tal-Ministri jadotta deċiżjoni mill-iktar fis possibbli sabiex il-bdiewa jkollhom iċ-ċertezza kollha fir-rigward tal-qafas legali li ser japplika għall-kampanja ta' kummerċjalizzazzjoni li jmiss.

1.2 Il-KESE jenfasizza li d-diżakkoppjar parzjali ta' 65 % stabbilit fir-regolament annullat u li nżamm fil-proposta tal-Kummissjoni huwa sistema ineffikaċi għaż-żamma tat-tkabbir tal-qoton f'ċerti żoni ta' produzzjoni ta' l-Unjoni Ewropea. L-użu intensiv ta' ħaddiema, l-ispejjeż għoljin tal-produzzjoni, il-volatilità tal-prezzijiet dinjin u diversi fatturi oħra ma jippermettux li l-proposta tal-Kummissjoni tkun mekkaniżmu effettiv kontra l-possibbiltà li tinqered il-kultivazzjoni tal-qoton.

1.3 Il-KESE jinnota li s-sistema fis-seħħ sar-riforma ta' l-2004, ibbażata fuq l-għajnuna għall-produzzjoni, kienet tiggarantixxi l-vijabbiltà ta' l-istabbilimenti fiż-żoni produttriċi kollha ta' l-Unjoni. Madankollu, il-KESE huwa konxju li jkun impossibbli li wieħed imur lura għall-iskema preċedenti minħabba l-orjentament politiku ġdid tal-PAK u l-impenji internazzjonali meħuda mill-Unjoni Ewropea fil-qafas ta' l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO).

1.4 Il-KESE jinnota d-differenza fil-produzzjoni tal-Greċja u ta' Spanja. Attwalment, minbarra l-appoġġ għall-produzzjoni, huwa diffiċli li wieħed isib sistema ta' għajnuna uniformi li tista' tkun adattata għaż-żewġ pajjiżi. Minħabba din id-differenza, il-Kumitat huwa favur l-introduzzjoni ta' flessibilità kbira fl-iskema tal-qoton, b'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà li fuqu kienu bbażati l-aħħar riformi settorjali tas-CMOs ta' l-inbid u l-frott u l-ħxejjex. Kull Stat Membru għandu jkollu s-sussidjarjetà neċessarja sabiex isib l-aqwa soluzzjoni għaż-żoni ta' produzzjoni tiegħu.

1.5 Sabiex jinżamm livell għoli ta' diżakkoppjar ta' l-appoġġ, għandu jiġi stabbilit perijodu transitorju għall-adattament progressiv għal livelli ogħla ta' diżakkoppjar. Barra minn hekk, persentaġġ għoli ta' appoġġ akkoppjat ma jstax, waħdu, jiggarran-

tixxi ż-żamma tal-produzzjoni tal-qoton. L-inklużjoni tal-ħtieġa tal-kultivazzjoni u tal-kunċett ta' kwalità tajba għas-saħħa, ġusta u kummerċjali lanqas ma tiggarantixxi ż-żamma tal-livelli produttivi reġistrati qabel ir-riforma. Għaldaqstant huwa neċessarju li jiġu inkorporati l-kundizzjonijiet ta' eliġibilità li jinkludu kriterji kwantitattivi relatati mal-volum tal-produzzjoni miksuba.

1.6 Il-KESE jiġbed l-attenzjoni lejn il-fatt li s-sistema l-ġdida għandha tiffavorixxi l-kwalità tal-prodott miksub, b'differenza mill-iskema attwali li qiegħda tqanqal telf kbir f'termini ta' kwalità u tikkomplika l-kummerċjalizzazzjoni tal-qoton Ewropew fis-swieq. Il-qoton huwa prodott użat fit-tessuti, u jeħtieġ li jissodisfa l-ħtiġijiet ta' industrija esposta għal kompetizzjoni ħarxa. Għalhekk huwa essenzjali li jiġi assigurat li l-fatturi kollha għal produzzjoni ta' kwalità jkunu preżenti. Barra minn hekk, għandhom jiġu ffaċilitati l-introduzzjoni ta' alternattivi tekonoġiċi ġodda, is-sistemi ta' produzzjoni integrata u l-produzzjoni ekoġiċa f'dawk iż-żoni fejn dan huwa possibbli.

2. Kummenti ġenerali

2.1 L-iskema ta' appoġġ għall-qoton bdiet fl-1980, is-sena li fiha l-Greċja daħlet fil-Komunità Ewropea. L-iskema ġiet estiża għaż-żewġ pajjiżi li wettqu l-adeżjoni tagħhom fl-1986, Spanja u l-Portugall. Is-settur tal-qoton kien ibbażat fuq sistema ta' "ħlas ta' kumpens" jew "deficiency payments", li kienu jappoġġjaw lil dawk il-kumpaniji li jipproċessaw il-qoton li kienu jħallsu prezz minimu lill-produtturi tal-qoton. Is-sistema ġiet immodifikata fl-2000 bl-introduzzjoni ta' kwantitajiet massimi ggarantiti u l-integrazzjoni ta' rekwiżiti ambjentali ġodda.

2.2 F'April 2004 il-Kunsill tal-Ministri ta' l-Unjoni Ewropea adotta skema ġdida ta' appoġġ għall-qoton ispirata mill-prinċipji li fuqhom kienet ibbażata r-riforma tal-PAK ta' l-2003: id-diżakkoppjar ta' l-għajnuniet marbutin mal-produzzjoni. B'dan il-mod, il-ħlas diżakkoppjat ġie stabbilit għal 65 % u l-għajnuna akkoppjata telgħet għal 35 %. Ir-riforma, li daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2006, ma kenitx tinkludi l-possibbiltà li jiġu mmodifikati l-persentaġġi ta' dan id-diżakkoppjar parzjali.

2.3 Fis-7 ta' Settembru 2006, f'deċiżjoni mingħajr preċedent, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej, fil-kuntest ta' appell imressaq mir-Renju ta' Spanja, annullat l-iskema tal-qoton approvata fl-2004 minħabba ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità, li jfisser li skond it-Trattat ta' l-Unjoni Ewropea, l-azzjonijiet proposti fir-riforma ta' l-iskema Komunitarja tal-qoton tqiesu bħala sproporzjonati fir-rigward ta' l-oġjettiv stabbilit. Il-Kummissjoni ma kenitx ikkunsidrat l-ispejjeż salarjali meta kkalkulat ir-rendiment prevedibbli tal-qoton u ma kenitx ikkunsidrat l-effetti tar-riforma fuq ix-xogħol u s-sitwazzjoni tas-settur tat-tfesiċ tal-qoton. Il-Qorti tal-Ġustizzja sspendiet l-annullament tar-riforma sal-preżentazzjoni ta' proposta ġdida mill-Kummissjoni.

2.4 Fil-perijodu ta' tffasil tal-proposta l-ġdida l-Kummissjoni wettqet żewġ studji dwar l-impatt ambjentali tal-qoton u l-impatt soċjo-ekonomiku tal-produzzjoni tal-qoton. Saru wkoll għadd ta' laqgħat ta' ħidma mar-rappreżentanti tas-settur u ġiet organizzata konsultazzjoni pubblika.

2.5 Fl-aħħar, bi stagħġib kbir għas-settur, f'Novembru l-Kummissjoni ppreżentat proposta dwar ir-riforma ta' l-iskema tal-qoton li kienet Prattikament l-istess bħall-iskema attwali, jiġifieri diżakkoppjar parzjali b'65 % tal-ħlasijiet mhux marbutin mat-tkabbir u 35 % akkopjat mal-produzzjoni. Il-KESE jqis li l-proposta tal-Kummissjoni għandha tingħata orjentament ġdid bil-għan li tiġi adattata għas-sitwazzjoni produttiva differenti tal-Greċja u ta' Spanja.

2.6 L-iskema tal-qoton attwali għaddiet minn tnaqqis konsiderevoli fil-produzzjoni u tnaqqis fir-rendiment. Konsegwentement, is-settur intelaq progressivament f'żoni ta' produzzjoni speċifiċi. Fl-opinjoni tiegħu dwar ir-riforma ta' l-2004 il-KESE diġà avża lill-Kummissjoni li d-diżakkoppjar parzjali jista' jwassal għal tnaqqis kbir ta' l-artijiet ikkultivati.

2.7 Fl-Unjoni Ewropea l-produzzjoni hija kkonċentrata kważi esklużivament f'reġjuni speċifiċi tal-pajjiżi Mediterranji l-Greċja u Spanja. Il-Greċja hija l-produttur ewlieni tal-qoton fl-Ewropea b'madwar 380 000 ettaru użat għat-tkabbir tal-qoton. Il-medda totali tal-qoton fi Spanja kienet ta' madwar 63 000 ettaru fl-2007. Il-Portugall m'għadux ikabbar il-qoton u l-Bulgarija tip-produċi kwantità żgħira ħafna. B'mod ġenerali, it-tkabbir tal-qoton qiegħed isir f'żoni partikularment żvantaġġati bi ffit alternattivi ta' xogħol li għadhom jitqiesu bħala reġjuni ta' l-oġjettiv Konverġenza għall-perijodu 2007-2013.

2.8 Fil-Greċja, il-medda ta' art ikkultivata naqset bi 11 % u ċ-ċifri ta' produzzjoni naqsu bi proporzjon simili minħabba kundizzjonijiet klimatiċi mhux favorevoli u essenzjalment b'riżultat ta' l-implimentazzjoni tar-riforma ta' l-2004.

2.9 Fi Spanja, l-effetti ta' l-implimentazzjoni ta' l-iskema attwali wasslu għal bidliet fis-settur ferm iktar radikali minn dawki li għaddiet minnhom il-Greċja. L-Andalusija, ir-reġjun Spanjola li iktar tip-produċi qoton, f'żewġ kampanji ta' kummerċjalizzazzjoni tilfet 30 % tal-medda ta' art ikkultivata u 65 % tal-produzzjoni tagħha, u b'hekk għaddiet minn 347 000 tunnellata ta'

qoton maħsuda fl-2004 għal 130 000 tunnellata fl-2007. F'dawn l-aħħar sentejn 30 % tal-produtturi telqu mis-settur. B'konsegwenza ta' dan it-tnaqqis, fuq perijodu qasir, il-biċċa l-kbira ta' din l-industrija fi Spanja mhux ser tibqa' vijabbli, b'effetti fuq l-impjeg fis-settur tat-tfesiċ u fuq il-bżonn ta' had-diema fil-produzzjoni.

2.10 Fil-kuntest ta' din is-sitwazzjoni, il-KESE jħeġġeġ lill-Kummissjoni tinkludi flessibilità ikbar fil-proposta sabiex bis-saħħa tal-prinċipju ta' sussidjarjetà l-Istati Membri jingħataw flessibilità ta' azzjoni ikbar.

2.11 L-introduzzjoni ta' kwalunkwe tip ta' diżakkoppjar fis-settur tal-qoton ser iwassal għal ristrutturur kbir ta' dan is-settur. L-industrija tat-tfesiċ ser tħabbat wiċċha ma' bidliet sustanzjali biex tadatta għas-sitwazzjoni l-ġdida u ser ikollha bżonn ta' l-appoġġ finanzjarju tal-Kummissjoni biex tkompli twestaq ir-ristrutturur tagħha u żżomm l-impjeg fiż-żoni ta' produzzjoni. Għandu jiġi allokat appoġġ finanzjarju speċifiku li jippermetti li l-industrija tat-tfesiċ tassorbi l-ispejjeż involuti fl-għeluq ta' din l-attività u tindirizza alternattivi kummerċjali ġodda li jwasslu għaż-żamma ta' l-impjeg. Il-miżuri ta' ristrutturur ta' l-industrija inklużi fl-aħħar riforma tas-CMO taz-zokkor jistgħu joffru xi spunti f'din id-direzzjoni.

3. Komentari speċifiċi

3.1 Il-KESE jaqbel bis-sħiħ mal-Kummissjoni fir-rigward ta' l-importanza li għandha tingħata lill-organizzazzjonijiet inter-professjonali biex tiġi kkoordinata l-kummerċjalizzazzjoni tal-prodott, jitfassal mudell ta' kuntratt u tiġi promossa l-produzzjoni ta' qoton ta' kwalità għolja. Iżda minħabba l-istruttura li dawn l-organizzazzjonijiet huma mistennija jkollhom fi ħdan l-iskema attwali u minħabba n-nuqqas ta' integrazzjoni tagħhom f'miżuri oħra, dan l-istrument ffit li xejn kellu impatt fis-sentejn li ilha taħdem l-iskema u l-attività tagħhom hija limitata għall-provviista ta' għajnuma addizzjonali għall-membri tagħhom. Fil-fatt, fi Spanja teżisti organizzazzjoni inter-professjonali waħda biss, li tkopri firxa ta' 10 000 ettaru.

3.2 F'Ottubru 2008 il-Kummissjoni Ewropea ser tippubblika Green Paper dwar l-applikazzjoni ta' politika ta' kwalità fl-Unjoni Ewropea. Għaldaqstant il-proposti leġislattivi korrispondenti m'humix ser jiġu ppreżentati qabel l-2009. Reċentement, il-Kummissjoni ħabbret l-intenzjoni tagħha li tanalizza l-possibilità li tinkludi l-qoton fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill 510/2006 dwar il-protezzjoni ta' l-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjoni ta' l-oriġini.

3.3 L-inklużjoni tal-qoton fl-iskema ta' protezzjoni msemmija tista' tkun għodda utli għal ħafna produtturi li jixtiequ jtejbju l-valur miżjud tal-produzzjoni tagħhom sabiex jindirizzaw l-isfidi marbutin ma' suq miftuħ ferm kompetittiv u jassiguraw ruħhom li ser ikollhom dħul ġust mis-suq. Il-Kummissjoni għandha testendi r-regolament għall-qoton permezz ta' proċedura ta' emerġenza.

3.4 Iċ-ċertifikazzjoni adegwata fil-pajjiż ta' oriġini u l-kontrolli ta' kwalità Ewropej jistgħu jgħinu sabiex il-produzzjoni Komunitarja tal-qoton tikseb il-valur miżjud mitlub mill-inizjattivi Ewropej kollha f'dan il-qasam. Madankollu, billi l-UE hija importatur nett tal-qoton, hemm bżonn li l-kontrolli ta' l-importazzjonijiet jittejbu u jissaħħu. F'dan il-kuntest, il-qoton għandu jiġi inkluż fil-lista ta' prodotti li huma eliġġibli għal azzjonijiet ta' informazzjoni u promozzjoni, anke jekk din il-miżura m'hijjex soluzzjoni fiha nnifisha għas-settur.

3.5 Il-KESE jappoġġja l-proposti kollha tal-Kummissjoni mmirati lejn it-titjib tal-kwalità tal-qoton. F'dawn l-aħħar snin, is-settur għamel progress kbir f'termini ambjentali billi appoġġja s-sistemi integrati ta' produzzjoni, l-għajnuniet agro-ambjentali u l-produzzjoni ekoloġika. Inħoloq żvilupp ikbar tal-produzzjoni integrata fi Spanja, bl-applikazzjoni ta' miżuri ambjentali, u fl-2008 il-Greċja hija mistennija tadotta regolament għall-ġest-

joni tal-produzzjoni integrata. L-iskema l-ġdida għandha tagħti inċentiv lil inizjattivi bħal dawn.

3.6 L-UE għandha tiffaċilita l-adattament tas-settur Komunitarju tal-qoton għall-użu ta' strumenti ġodda ta' innovazzjoni teknoloġika.

3.7 L-UE hija importatur nett tal-qoton. Il-produzzjoni Komunitarja tirrappreżenta biss 2 % tal-qoton ikkunsmat fid-dinja u tinsab 'il bogħod ħafna mill-produtturi l-kbar (l-Istati Uniti, iċ-Ċina, l-Indja, eċċ.). Għaldaqstant, l-Unjoni Ewropea m'għandhiex rwol fl-istabbiliment tal-prezzijiet internazzjonali ta' din il-materja prima u l-appoġġ Komunitarju lill-produtturi tal-qoton m'għandu l-ebda effett ta' distorsjoni tal-kompetizzjoni. Għalhekk huwa neċessarju li l-Kummissjoni tiddefendi s-settur Ewropew tal-qoton meta jiġu espressi dubbji dwaru fil-fora multilaterali bħall-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ.

Brussell, l-14 ta' Frar 2008.

Il-President

tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Dimitris DIMITRIADIS

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-użu fil-magħluq ta' mikro-organiżmi modifikati ġenetikament (Riformulazzjoni)

COM(2007) 736 finali — 2007/0259 (COD)

(2008/C 162/18)

Nhar l-10 ta' Jannar 2008, il-Kunsill iddeċieda, b'konformità ma' l-Artikolu 175 tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, li jikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, dwar

Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-użu fil-magħluq ta' mikro-organiżmi modifikati ġenetikament (Riformulazzjoni)

Billi l-Kumitat jikkunsidra li l-kontenut tal-proposta huwa kompletament sodisfaċenti u li barra minn hekk diġà ta' fehmtu fl-opinjoni tiegħu CESE 1235/1988, adottata fl-24 ta' Novembru 1988 ⁽¹⁾, u CESE 887/1996, adottata fl-10 ta' Lulju 1996 ⁽²⁾, iddeċieda, matul l-442 sessjoni plenarja tiegħu tat-13 u ta' l-14 ta' Frar 2008 (seduta tat-13 ta' Frar), b'133 voti favur, 2 voti kontra u 3 astensjonijiet, li jagħti opinjoni favorevoli għat-test propost u li jagħmel referenza għall-pożizzjoni li ħa fid-dokument imsemmi.

Brussell, 13 ta' Frar 2008

Il-President

tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Dimitris DIMITRIADIS

⁽¹⁾ Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-proposta għal Direttiva tal-Kunsill dwar l-użu fil-magħluq ta' mikro-organiżmi modifikati ġenetikament — COM(1988) 160 finali (ĠU C 23 tat-30.1.1989, p. 45).

⁽²⁾ Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-proposta għal Direttiva tal-Kunsill li temenda id-Direttiva 90/219/KEE dwar l-użu fil-magħluq ta' mikro-organiżmi modifikati ġenetikament — COM(1995) 640 finali (ĠU C 295 tat-7.10.1996, p. 52).